# TĦANNINA

Għat-tarbija Patrick Nicholas, bin il-Professur S. Vella, B.Sc., M.D., D.L.O.

*Jiddu mit-tieqa l-kwiekeb,*
*Jiddu fuq il-benniena,*
*Joħlom qamar tal-fidda*
*Joħlom ħajja lubiena.*

*Tikser tal-lejl is-sikta*
*L-għanja tar-rużinjoli...*
*L-anġli minn sema mkewkeb*
*Jixħtu ward sbieħ u vjoli...*

*Iskot, ħanini, iskot,*
*Isma' l-għanja ħalliema,*
*Jongħos, ħanini, jongħos...*
*Jiddi f'raqdet is-sliema.*

*L-anġli taħrab mal-kwiekeb,*
*Tbennen in-nieqa tiegħek;*
*Tmelles in-nokkli l-mamma*
*Tħannen u tongħos miegħek...*

*Jinżel mill-bogħod, mill-ogħli*
*Daqq u għanjiet il-hena.*
*Tbennen benniena ċkejkna*
*Ninni... na... nanna... ne... na...*

*Teptpu, kwiekeb tal-fidda.*
*Ilma, qamar, mit-tieqa,*
*Patrick jitbissem ħelu*
*Rieqed hieni ġon-nieqa.*

G. V. Galea.